**31 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M, B.Litt., LL.D.**

Nobbli Baruni Kavalier Jerome Depiro D'Amico Inguanez

*versus*

Archibald Campbell ne.

*Ir-regolament kontenut fir-Regolamenti tat-Traffiku, li jeżiġi lill karrozza tal-mutur, biex tista' tidħol fil-Belt Valletta, jeħtieġ li jkollha liċenza speċjali b'żieda ma' dik ġenerali relattiva għal kull vejikolu tal-mutur, jolqot anki lis-sidien ta' karrozza li joqgħodu fil-Belt Valletta; u għalhekk anki dawn is-sidien għandhom ikollhom din il-liċenza speċjali, u ma jistgħux jippretendu li huma eżenti mill-obligu li jkollhom din il-liċenza speċjali minħabba l-fatt li huma għandhom ir-residenza tagħhom fil-Belt Valletta.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti *Ċivili* tal-Maesta' Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta li huwa residenti l-Belt Valletta, u għandu karrozza tal-marka "Rover" li ġġib in-numru 4133; u illi skond l-iskeda annessa mar-Regolamenti tal-1949 dwar il-liċenzi tal-Pulizija publikati in forza tal-Att XXXIV tal-1949, kif emendati bir-Regolamenti tal-1959 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-liċenzi tal-Pulizija, publikati fis-Supplement tal-Gazzetta tat-18 ta' Settembru 1959 b'effett mill-istess ġurnata, id-dritt tal-liċenza biex karrozza tidħol il-Belt Valletta ġie fissat fl-ammont ta' £3 fis-sena; u illi l-attur ħallas is-somma ta' £3 lill-awtoritajiet tat-traffiku taħt protest, peress li r-rata ta' £3 biex tidħol fil-Belt Valletta hija dovuta esklużivament minn min jabita barra l-istess Belt, u għalhekk ma tapplikax għall-karrozzi ta' persuni residenti fl-istess Belt Valletta; talab li (1) jiġi dikjarat li d-dispożizzjoni dwar il-liċenzi biex tidħol il-Velt Valletta għall-karrozzi privati kontemplata fl-iskeda li tinsab mar-Regolamenti tal-1949 dwar il-liċenzi tal-Pulizija publikati in forza tal-Att numru XXXIV tal-1949 fuq imsemmi u, fl-emenda magħmula fir-Regolamenti tal-1959 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-liċenzi tal-Pulizija, għall-partita nru. 66 inkluża fin-numru 3 tar-Regolament 2 tal-Iskeda kif publikata fis-Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern nru. tat-18 ta' Settembru 1959, ma tapplikax għall-karrozzi privati ta' proprjetà ta' persuni residenti ġewwa l-Belt Valletta, (2) u konsegwentement il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jirrifondu lill-attur is-somma ta' £3 fuq imsemmija, minnhom indebitament pretiża u lilhom imħallsa taħt protesta kif fuq indikat. Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Mejju 1960, li biha ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża u mit-trattazzjoni li saret jidher li l-instanti qiegħed isostni li l-Iskeda tad-Drittijiet li għandhom jitħallsu għall-liċenzi tal-Pulizija, li oriġinarjament ġiet maħruġa in forza tas-sezzjoni 3 tal-Att Nru. XXXIV tal-1949 (Govt. Gaz. Nru. 9878 tal-31 ta' Diċem-

bru 1949 Govt. Notice nru. 846), kif amendata bil-"Police Licences (Amendment) Regulations, 1959, bis-sezzjoni (3) ittra (a), (Govt. Gazzette Nru. 11218 tat-18 ta' Settembru 1959), relattivament għall-karrozzi tan-nar privati li jidħlu l-Belt Valletta (Regolament nru. 66) mhix applikabbli għaċ-ċittadini jew membri tal-kommunità li jkunu jgħammru fil-Belt imsemmija, iżda hija applikabbli għal dawk li jgħammru barra mill-istess Belt; u in konsegwenza, billi huwa joqgħod il-Belt, talab ir-rifużjoni tas-somma ta' £3 li huwa ħallas bi protesta, bħala somma ta' flus li huwa jallega li ġiet eżatta minnu indebitament mill-konvenuti nomine, prevja d-dikjarazzjoni tal-affermazzjoni tiegħu minnu sostnuta;

Illi mid-diċitura tar-Regolament 66, tant kif riportat fil-G.N. 846 tal-1949, kif ukoll fis-sezzjoni 3(a) tar-Regolamenti tal-1959, emendati in kwantu għad-drittijiet tal-liċenzi, intiża l-kelma "liċenza" skond l-art. 2 tal-Att Nru. XXXIV tal-1959 jidher ċar li għall-użu ta' karrozza privata trid titħallas fis-sena liċenza regolata skond l-art. 61 tar-regolamenti; liema liċenza hija ntiża għat-territorju kollu ta' dawn il-Gżejjer barra minn dak imdaħħal fis-superfiċi tal-Belt Valletta; u għal min ried jikkomprendi anki dan l-istess territorju, biex hekk insejħulu belti, ġie stabbilit li l-istess karrozza privata kellha jkollha liċenza oħra, kif kontemplat fir-Regolament 66, oltre dik imdaħħla taħt ir-Regolament 61;

Illi mid-diċitura tar-Regolamenti ma jidherx li l-leġislatur għamel xi distinzjoni bejn karrozza privata liċenzjata lil min jgħammar fil-Belt Valletta u karrozza privata liċenzjata lil min joqgħod barra l-istess Belt; u skond l-ermenewtika legali, kanonizzata mir-regoli tad-Dritt, "ubi lex non distinguit nec nostrum est distinguere" (De Regulis Juris). Dak li fil-fatt ried il-leġislatur huwa li min jagħmel użu minn karrozza privata jħallas għaliha dak li huwa stabbilit fir-Regolament 61, u, jekk dik l-istess karrozza tintuża għad-dħul ġewwa l-Belt Valleta, ried li l-istess karozza tħallas ulterjorment għall-użu ta' dak it-territorju liċenza oħra, ukoll skond ma hemm maħsub fir-Regolament 66:

Illi, kwindi, minn dan li ntqal jitnissel loġikament u naturalment li fil-menti tal-leġislatur kien l-użu tal-karrozza mill-parti taċ-ċittadin, fl-isfera tal-attività tagħha, li ġie rigwardat in korrispondenza għall-estensjoni tat-territorju delimitat, u mhux ġa l-persuna tal-liċenzjat "ut sic", għall-finijiet tal-ħlas tributorju msemmi;

Illi fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, kieku l-leġislatur ried jeżenta lil min jgħammar fil-Belt Valletta mill-ħlas tal-liċenza in kwistjoni, kien liberament jista' hekk jiddisponi b'regolament "expressis verbis"; u jekk dan ma sarx, huwa attribwibbli għall-fatt li ma riedx jagħmlu, kif ukoll ċertament tant l-għaliex, kif fuq intqal, għar-raġuni li t-tribut fuq imsemmi jsib l-għeruq tiegħu fl-użu tas-superfiċi tat-trieq tal-Belt, u inċidentalment għar-riduzzjoni tal-konġestjoni tat-traffiku fit-trieqat dojjoq tal-istess Belt, kemm ukoll għar-raġuni li b'dik l-eżenzjoni kien jiddisturba l-universalità sanzjonali tal-istess taxxa fir-rapport *tal-membri kollha tal-kommunità, u kien jiġi biha* jikkrea ċerkja ta' ċittadini privileġġjati, li bħala membri tal-istess kommunità għandhom ukoll jikkontribwixxu għat-tributi, li jservu għall-aħjar tmexxija tal-amministrazzjoni tal-Gvern u tal-Istat. Kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi attriċi, il-membri tal-kommunità eżentati, mentri minn parti l-waħda jkunu qegħdin jagħmlu użu u jgawdu mit-territorju limitat bla ħlas, dawk li ma jkunux jgħammru fil-Belt u jkunu qegħdin jagħmlu użu mill-istess territorju bil-ħlas, mill-banda l-oħra, fil-fatt ikunu qegħdin *jassumu t-tribut għall-persuni eżentati — dak li huwa* ndubbjament inċivili. Jingħad ukoll li, jekk dawk li jgħammru l-Belt iħossu ruħhom aggravati b'dan it-tribut, li huwa volontarju u mhux neċessarjament impost, jistgħu legalment jevitawh u jassoġġettaw ruħhom biex isofru l-inkonvenjent li dawk li ma humiex qegħdin iħallsuh fil-fatt isofru;

Illi in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa bil-favur;

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu, li biha talab li tiġi revokata u t-talba tiegħu tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Il-ħtieġa ta' liċenza speċjali, ċjoè b'żieda ma' dik ġenerali, biex tuża karrozza biex tidħol il-Belt Valletta, hija mposta mir-Regolament nru. 49 tar-Regolamenti dwar il-vejikoli tal-mutur, maħruġa taħt il-Kap. 105;

Ir-regolamenti msemmijin fiċ-ċitazzjoni jistabbilixxu l-ħlas jew dritt għal din il-liċenza;

Il-kwistjoni kollha hi jekk il-kliem "enter Valletta" — "tidħol il-Belt Valletta" — jgħoddux ukoll għal nies li d-dar tagħhom hi f'dik il-Belt, bħal ma hi dik tal-attur;

Apparti milli, kif l-attur xehed quddiem din il-Qorti, hu jagħmel perijodu mis-sena joqgħod San Pawl il-Baħar, u matul dan il-perijodu juża l-karrozza tiegħu wkoll, u biha jidħol kważi kulljum il-Belt, din il-Qorti ma tista' tħoss ebda dubju illi l-kliem tal-liġi fuq imsemmi jkopri wkoll lil kull min, għad li ordinarjament joqgħod ġol-Belt, joħroġ bil-karrozza mil-limiti tal-Belt u jerġa jidħol, kif mhux kontestat li jagħmel l-attur. Kull darba li bniedem hekk ordinarjament residenti jirritorna minn barra l-Belt, hu ma jistax ħlief jingħad li "jidħol il-Belt", bl-istess mod li jingħad li hu "joħroġ mill-Belt" kull meta jħalli l-limiti tagħha;

Del resto, apparti minn dan, anki jekk wieħed mill-iskopi tal-liġi hu dak li tiġi evitata l-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq dojjoq tal-Belt, dan għandu jgħodd tant għal minn joqgħod barra l-Belt u jidħol hemm għall-bżonnijiet

tiegħu, kemm għal min joqgħod ġol-Belt imma joħroġ u jidħol u jiċċirkola bil-car tiegħu, jew jipparkja għall-bżonn fl-istess toroq; ammenokkè ma hux pretiż illi ċ-ċirkolazzjoni fit-toroq tal-Belt u l-użu tal-area tagħha għandu jkun riżervat jew ristrett, b'konċessjoni speċjali, għal min joqgħod il-Belt;

Għal dawn il-motivi u dawk esposti fis-sentenza appellata, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma dik is-sentenza; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.